IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

7 ta' Awwissu 2017
61/2017

## "IS-SURPLUS JINGĦATA LURA F'SUSSIDJI LILL-ENTITAJIET TA' ĦIDMA SOĊJALI"

IR-RAPPORT FINANZJARJU TAL-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA GĦAS-SENA 2016

Fl-2016 **il-Kurja tal-Arċisqof** irreġistrat *surplus* ta' €752,000 li tqassam f'sussidji lil diversi entitajiet tal-Knisja li jwettqu ħidma soċjali u ta' karità.

Waqt il-preżentazzjoni tar-rapport finanzjarju **tal-Arċidjoċesi ta' Malta** għas-sena 2016, is-Segretarju Amministrattiv, Michael Pace Ross, qal li permezz tas-*surplus* il-Knisja tista' tkompli bl-operat pastorali tagħha mat-tfal, iż-żgħażagħ, il-familji, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità, u dawk li huma fil-bżonn. Qal ukoll li s-sena l-oħra żdiedu sostanzjalment id-donazzjonijiet mill-benefatturi, fosthom mill-MMDNA.

Ir-riżultati finanzjarji juru li d-dħul mid-donazzjonijiet għamel tajjeb għal tnaqqis mill-ġbir fil-knejjes, mill-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi (*fundraising)* u mill-investimenti. Dan wassal biex l-Arċidjoċesi tirreġistra żieda fid-dħul ta' €1.8 miljun fuq is-sena ta' qabel.

L-Arċidjoċesi ta' Malta timpjega aktar minn 1,400 persuna. L-infiq tal-entitajiet kollha tal-Arċidjoċesi, fosthom il-parroċċi, żdied b'aktar minn €2.7 miljuni fuq is-sena ta' qabel. Ammont sostanzjali tal-ispejjeż kienu r-remunerazzjoni tal-kleru Djoċesan u l-pagi tal-impjegati. Iż-żieda fl-infiq kienet dovuta wkoll għal titjib fis-salarji tal-ħaddiema, impjiegi ġodda f'diversi djar tat-tfal, tal-anzjani u tal-persuni b'diżabilità, u żieda wkoll fl-ispejjeż relatati max-xogħlijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni ta' binjiet antiki.

Waqt il-konferenza tal-aħbarijiet, is-Sur Michael Pace Ross qal li f'dawn l-aħħar snin il-Knisja f'Malta investiet f'diversi inizjattivi li jħarsu l-ambjent, fosthom l-installazzjoni ta' panelli fotovoltajiċi li qed jibbenefikaw minnhom madwar 30 parroċċa. Huwa spjega li dawn l-inizjattivi issa bdew jagħtu benefiċċji finanzjarji u aktar importanti minn hekk inaqqsu l-*carbon footprint*. Minbarra l-ħarsien tal-ambjent, is-Segretarju Amministrattiv semma wkoll ir-responsabbiltà li għandha l-Knisja biex tieħu ħsieb il-patrimonju kulturali u storiku għall-ġenerazzjonijiet futuri. Għal dan il-għan twaqqfet il-Fondazzjoni għall-Patrimonju Kulturali li applikat biex tikseb fondi Ewropej għal 17-il proġett differenti ta' restawr u manutenzjoni, fosthom l-Arkivju fil-Kurja tal-Arċisqof.

Ir-riżultati finanzjarji tal-Arċidjoċesi ta' Malta qed jiġu ppublikati fuq il-websajt www.thechurchinmalta.org. Dawn ma jinkludux id-Djoċesi ta' Għawdex u dawk l-entitajiet f'Malta mmexxija mill-Ordnijiet Reliġjużi.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**